MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1738/2002

**Avviz numru: 1738/02AE**

**BDS Limited**

**Vs**

**Alexander Caruana Soler**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u tmienja u sebghin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm278.85), hlas ta' tlett kambjali li gew iffirmati u skadew fis-16 ta' Dicembru 2001, fis-16 ta' Jannar 2002 u 16 ta' Frar 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Ra n-nota guramentata a fol. 10 tal-process.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u tmienja u sebghin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm278.85), bl-imghax mid-data li mmaturat kull wahda mill-kambjali.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**